MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Numru. 45/2003

Il-Pulizija
(Spettur Yvette Farrugia)
vs
Carmelo Calleja

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Carmelo Calleja, detentur tal-karta ta' l-identita numru 416165(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli :

(1) Nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar, 2003 gewwa l-OK bar f'Hal-Luqa ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' bil-lejl, volontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Benny Farrugia skond kif iccertifika t-Tabib Dr Stephen Muscat MD ta' l-isptar San Luqa;

(2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm ztrument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied f'Carmel Street, Hal-Luqa;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tad-19 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 214 u 218 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 13 u 19 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66);
(c) Fl-Artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali
u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-14 ta' Jannar, 2003 certu Benny Farrugia irrapporta l-ghassa tal-pulizija ta' Hal-Luqa illi kien ghadu kif gie imwegga fl-OK Bar Hal-Luqa mill-imputat fuq imsemmi. Il-pulizija li kienet l-ghassa dakinhar innutaw illi Benny Farrugia kellu d-demm f'wiccu. Farrugia qal lill-pulizija li kien waqaf jixtri flixkun luminata mill-OK Bar Hal-Luqa u waqt li kien hemmhekk l-imputat fuq imsemmi staqsih jekk hu kienx Benny Farrugia umbaghad attakkah b'mus u b'hekk huwa sofra gerha f'wiccu. Il-pulizija arrestaw lill-imputat fuq imsemmi illi irrilaxxjalhom stqarrija. F'din l-istqarrija l-imputat ammetta li kien jaf lil Benny Farrugia ghaliex kien silfu xi flus, pero' qabel ma silfu l-flus ma kienx jafu. B'kollox kien silfu elf u mitt lira u talbu biex iroddlu lura elf u tlett mija b'kollox. Kellu jaghtihomlu mitt lira fix-xahar. Mistoqsi kellux disgwid ma dan Benny l-imputat wiegeb li darba kien ghamel ghalih peress li ghajjat mieghu u qallu biex jaghtih

il-flus li kellu jaghtih u huwa kien tah xi hames mija jew sitt mitt lira minnhom. Mistoqsi dwar x'kien gara fl-14 ta' Jannar tas-sena 2003 fl-OK Bar Hal-Luqa huwa qal illi dakinhar ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' bil-lejl kien qieghed l-OK Bar Hal-Luqa u meta l-bar kien ser jaghlaq dahal wiehed jixtri flixkun luminata. Meta hares lejn dan ir-ragel induna li dan kien Benny Farrugia, pero' ma kienx cert u ghalhekk staqsih u dan wiegbu li ma kienx Benny imma kien Joe jew Mario. Ghalhekk huwa hareg barra u staqsa wahda mara li kienet fil-van li kien ipparkja Benny hdejn l-OK Bar u din il-mara qaltlu li ma tafx x'kien jismu dak ir-ragel. Rega' dahal fil-hanut u qallu "Qed tara kif gebel ma gebel jiltaqa". Umbaghad qallu biex johrog barra biex jitkellmu. Dak il-hin Benny qabad jghajjat u ixejjer il-flixkun u l-imputat dejjem, skond l-istqarrija li irrilaxxja lill-pulizija, qabad mejda u rass lil Benny mal-hajt. Huwa qal li jahseb li Benny zelaq ma l-art wara li hu rassu u x'hin qam, l-ewwel rega' gholla l-flixkun u peress illi l-imputat haseb li kien ser jaghtih xi daqqa ta' flixkun telaq jigri 'il barra. Mistoqsi jekk qabel ma telaq 'il barra rax xi demm f'wicc Benny, wiegbu illi ma jistax jghid ezatt. Mistoqsi jekk jafx kif Benny kellu farret f'wiccu wara l-glieda li kellhom huma bejniethom, huwa qal li ma kienx jaf u lanqas biss kien jaf illi Benny kien wegga. Mistoqsi jekk ghamilx il-farret lil Benny hu permezz ta' mus li Benny stess kien rah johrog mill-but, wiegeb illi ma kellux mus u ghalhekk ma setax ikun illi l-farret ghamilhulu bil-mus. Qal illi forsi l-farret sar x'hin waqa' u habat wiccu mal-mejda. Huwa qal illi huwa minnu li kien hebb ghal Benny minhabba li kellu jaghtih il-flus izda cahad illi b'xi mod kien selfu l-flus b'imghax ghola minn dak permess mill-Ligi.

Illi l-Prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku mahrug mill-isptar San Luqa fis-sens illi wara illi Benny Farrugia gie ezaminat fl-14 ta' Jannar, 2003 fl-isptar San Luqa ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl, sabu li kellu "stab wound" fuq haddejh tan-naha tax-xellug, u din kienet fonda erba' centimetri. Din l-gerha giet klassifikata bhala ta' natura gravi.

Illi xehed ukoll Dr Stephen Muscat f'dan is-sens u qal illi Benjamin Farrugia kellu ferita friska fuq wiccu in-naha tax-

xellug. Il-ferita kienet fonda u kellu wkoll xi fergha minn nerf ta' wiccu maqtugha. Dakinhar sarulu l-ponti u peress illi n-nerf ta' wiccu kien maqtugh huwa ikklasifika l-ferita bhala ta' natura gravi mhux biss minhabba l-isfregju, imma minhabba l-mankament ta' natura permanenti minhabba l-funzjoni tal-wicc u dana peress illi fergha minn nerf ta' wiccu kienet giet maqtugha. Huwa qal illi l-ferita kienet kumpattibbli ma "stab wound".

Illi xehed Benjamin Farrugia u qal illi dakinhar in kwistjoni kien waqaf hdejn l-OK Bar sabiex jixtri "7 up". Il-hin kien l-ghaxra, l-ghaxra u nofs ta' filghaxija. Fil-bar kien hemm l-imputat. Staqsih jekk kienx Benny u qallu "Le m'inhiex Benny". Rega dahal fil-hanut l-imputat u qallu biex johrog barra, izda hu ma riedx jaghmel hekk. Umbaghad l-imputat dahal jigri fil-hanut hareg mus u tah daqqa 'il fuq, fuq haddejh tax-xellug. Hu iddefenda ruhu billi qabad mejda biex ma jibqax jaqla d-daqqiet tal-mus. Umbaghad hareg jigri mill-hanut u baqa sejjer l-ghassa tal-pulizija u sussegwentement mar ukoll l-isptar San Luqa biex jiddewwa. Dwar il-mus, Benjamin Farrugia qal illi dan il-mus rah f'idejn l-imputat u kien twil madwar hames pulzieri.

Illi xehed Anthony Mizzi, proprjetarju tal-hanut imsemmi ta' Hal-Luqa u xehed illi dakinhar in kwistjoni dahal ragel u talbu 7 up. Huwa servih. Umbaghad mar jaghlaq it-twieqi u f'daqqa wahda sema l-istorbju u ra n-nies jigru, mejda maqluba u flixkun imkisser fl-art u ra ukoll zewg taqtiriet demm, izda dawn kienu barra l-hanut u mhux gewwa. Qal illi umbaghad ghalaq u ma jafx x'gara. Is-Sur Mizzi kompla jixhed illi dakinhar l-imputat kien prezenti fil-bar, ma rahx ikellem lil Benny Farrugia, jaf li kien hemm argument bejn Benny Farrugia u l-imputat, li ma damx hafna hin, pero' ma jafx dwar x'hiex kien l-argument. Jaf biss illi t-tnejn li huma umbaghad hargu jigru 'il barra mill-bar.

Illi xehed ukoll certu Grazio Gatt, illi dakinhar in kwistjoni kien fil-bar imsemmi f'Hal-Luqa, u qal illi ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija dahal ragel li qatt ma kien jaf qabel u talab lil sid il-hanut flixkun luminata. Dak il-hin ix-xhud mar it-toilet u kif dahal fit-toilet sema' il-hsejjes, sema' bhal

xi haga taqa', xi hgieg jinkiser u hoss ta' mejda tinstabat. Kif hareg mit-tiolet, ra mejda maqluba fl-art, hgieg imkisser mal-art. Hareg barra l-bar u ma ra lil hadd. Ra hafna nies jigru minn 'l hemm u minn hawn. Ra ukoll zewg taqtiriet demm fuq il-bankina barra, izda ma jafx kif gara l-incident in kwistjoni. Huwa xehed ukoll illi qabel ma mar it-toilet ra lill-imputat fil-bar mal-gemb, kien qieghed jiehu drink bhalu. Xehed ukoll li meta hareg barra mill-bar ra lill-imputat jigri u ra ukoll lil dak ir-ragel li kien xtara l-luminata jigri wkoll, pero' ma rax demm f'wicc dak ir-ragel li kien dahal jixtri l-luminata, izda peress illi rah minn wara ma setghax jara jekk kellux demm f'wiccu.

Illi xehdet certa Brenda Aquilina u qalet illi fl-14 ta' Ottubru, 2002, kienet ma Benny fil-vicinanzi tal-OK Bar Hal-Luqa. Hija kienet bil-qeghda fil-van, Benny waqaf, dahal jixtri u f'hin minnhom gie fuqha l-imputat u staqsiha x'kien jismu Benny u hi qaltlu li ma kienitx taf. Umbaghad xehdet li rat lill-imputat idur u ratlu mus f'idejh, dahal fil-hanut u rat lil Benny hiereg jigri mill-hanut. Hija marret tfittex lil Benny, sabitu l-ghassa u rat li kellu hafna demm f'wiccu. Ix-xhud ikkonfermat li l-imputat kellu idejh imsallbin fuq wara u ratlu mus f'idejh. Hija xehdet illi ma tafx x'tip ta' mus kien izda rat ix-xafra ta' dan il-mus.

Il-Prosekuzzjoni ressqet il-prova fis-sens illi l-imputat ma kellu l-ebda licenzja sabiex igorr fuqu arma li taqta jew bil-ponta.

Illi xehed PC 1100 Joseph Bezzina, u qal illi dakinhar in kwistjoni kien irceva rapport minghand Benjamin Farrugia fl-ghassa ta' Hal-Luqa. Huwa qal illi ra illi Benny Farrugia kellu farret f'wiccu u dan qallu li kellu argument fl-OK Bar ma certu Charlie maghruf bhala il-Gaddat. Ix-xhud qal ukoll li Benny Farrugia kien qallu li l-farret kien ghamilhielu Charlie b'daqqa ta' mus f'wiccu.

Illi regghet xehdet Brenda Aquilina u qalet illi hija kienet bil-qeghda fil-van li kien ipparkjat mal-gemb tal-hanut. Fil-hanut ma dahlitx, dahal biss Benjamin Farrugia. Hija xehdet illi ma tafx kif gara l-incident peress li hija fil-bar

ma dahlitx, izda tenniet illi dakinhar rat il-mus f'idejn l-imputat. Il-mus kien f'idejh wara daharu.

Ikkunsidrat :

Illi wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li gew prodotti, irrizultalha li l-unika persuna illi xehdet illi l-ferita illi sofra f'wiccu Benny Farrugia kienet giet ikkagunata mill-imputat permezz ta' mus kien l-istess Benny Farrugia.

Illi l-persuna li kienet qeghda ma Benny Farrugia, Brenda kif xehdet hi stess, qalet illi dik ma kienitx l-ewwel darba li kienet ma Farrugia, Brenda xehdet illi rat il-mus wara dahar l-imputat, izda xehdet illi hija ma dahlitx fil-bar u mill-posizzjoni li kienet fil-van ma setghetx tara kif gara l-incident.

Illi kemm sid il-bar in kwistjoni, kif ukoll persuna ohra li kienet fil-bar, li t-tnejn li huma xehdu f'dawn il-proceduri xehdu illi ma rawx l-incident jigri, wiehed minnhom ghaliex mar jaghlaq it-twieqi, sid il-bar, u l-iehor ghaliex kien it-toilet dak il-hin.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhedx, kif kellu kull dritt illi jaghmel, izda meta irrilaxxja stqarrija lill-pulizija "a tempo vergine" huwa qal illi ma jafx kif Benny Farrugia sofra l-gerha f'wiccu. Huwa cahad kategorikament illi ikkagunahielu hu il-gerha permezz ta' daqqa ta' mus u qal illi kull ma ghamel kien illi rassu permezz ta' mejda mal-hajt u seta' allura kien illi Benjamin Farrugia waqa' u korra b'dak il-mod.

Illi l-Qorti tirrimarka illi l-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni huwa wisq fjakki sabiex iwasslu lil din il-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali illi kien l-imputat illi ikkaguna l-ferita f'wicc Benjamin Farrugia, u dan ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-pulizija, meta ghamlu tfittxija fid-dar ta' l-imputat, ma sabu l-ebda mus.

Illi t-tobba li ezaminaw lil Benjamin Farrugia l-isptar xehdu illi l-ferita giet ikkagunata minn xi haga li taqta u bil-ponta,

izda ovvjament hadd minn dawn it-tobba ma ra l-incident jigri.

Ghaldaqstant fuq konflitt ta’ provi, l-Qorti, filwaqt li qeghda tiddikjara lill-imputat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------